# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' Novembru 2021**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 805/21 JVC**

**Vincenza Hamson maghrufa bhala Spiteri (K.I. 143554M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Vincenza Hamson maghrufa bhala Spiteri kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti twieldet bhala Vincenza Hamson maghrufa bhala Spiteri , kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-esponenti hija armla ta’ Joseph Gatt illi miet fis-sena elf disa mija u hamsa u tmenin (1985) u sakemm hija regghet izzewwget kienet maghrufa bhala Vincenza Gatt;

3. Illi l-esponenti inghaqdet fiz-zwieg ma’ Peter Hamson gewwa l-Kappella tal-Madonna tas-Silg f’Marsaxlokk, Malta nhar id-disgha (9) t’April tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin (1994), u dan skont ma jirrizulta mill-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv 350/1994 irregistrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta, Malta hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal;

4. Illi sussegwentement ghal dan iz-zwieg ma’ Peter Hamson l-esponenti hadet kunjom zewgha kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni kontenuta fl-istess Att taz-Zwieg;

5. Illi l-esponenti kif ukoll Peter Hamson ottjenew id-divorzju f’pajjiz esteru, permezz tas-sentenza quddiem Walsall County Court gewwa l-Ingilterra nhar l-ewwel (1) t’ Ottubru tas-sena elf disa mija u disgha u disghin (1999) u liema sentenza saret effettiva nhar is-sbatax (17) ta’ Novembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) u kopja ta’ liema qieghda tigi wkoll annessa u mmarkata bhala Dok. C;

6. Illi tali divorzju gie rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin kif anke jirrizulta mill-annotazzjonijiet tal-istess Att taz-Zwieg surreferit;

7. Ili sfortunatament u minghajr mal-esponenti hasbet li kien l-kaz, id-divorzju li din ottjeniet minn ma' Peter Hamson gewwa Walsall County Court fl-Ingilterra ma wassalx sabiex din tirriverti ghal kunjomha xbubitha kif fil-fatt xtaqet taghmel;

8. Illi minkejja dan l-esponenti ilha ghal madwar ghoxrin sena maghrufa bhala Vincenza Hamson maghrufa bhala Spiteri u dan kif jirrizulta mill-Karti tal-Identita', passaporti u dokumenti personali ohra illi nhargu minn wara d-divorzju, illi dejjem irreferew ghall-esponenti b'kunjom xbubitha, dak ta' Spiteri. Kopja tal-karta tal-identita' prezenti tal-esponenti hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D. Kopja ta' zewg passaporti mahruga fis-sena elfejn (2000) u iehor tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hawn annessi u mmarkati bhala Dok. E. Dokument ta' depozitu tal-bank BOV datat hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) u kopja tal-licenzja tas-sewqan mahruga fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) annessi u mmarkati bhala Dok. F. Kopja tal-FSS Payee Statement of Earnings tal-esponenti datata hmistax (15) ta' Jannar elfejn u wiehed (2001) anness u mmarkat bhala Dok. G. Kopja tal-Avviz ta' Pensjoni datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) anness u mmarkat bhala Dok. H;

9. Illi l-unika ostaklu illi l-esponenti sabet minn meta gabet id-divorzju kien illi giet irrifjutata milli jinhargilha passaport gdid fl-isem ta' Vincenza Hamson maghrufa bhala Spiteri u giet avzata illi l-passaport kien ha jinhareg fl-isem ta' Vincenza Hamson fis-sena elfejn u ghoxrin (2020). U dan sussegwentement ghad-divorzju diga nhargu zewg passaporti precedenti b'kunjom xbubitha ta' Spiteri kif diga gie surreferit u qeghdin annessi u mmarkati bhala Dok. E.

10. Illi ai termini tal-Artikolu 66L (4) (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 62 tal-istess Ligi, l-mara ghandha l-fakulta li terga lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju;

11. Illi peress li d-divorzju taghha gie rikonoxxut hawn Malta, l-esponenti tixtieq illi hija terga lura ghal kunjom xbubitha kif tippermetti l-ligi, daqs li kieku d-divorzju sar hawn Malta.

12. Illi ghalhekk din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-artikoli 66L (4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 62 tal-istess Ligi, kif ukoll ai termini tal-artikoli 253 et sequitur tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-esponenti qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tawtorizza lill-esponenti terga' lura ghal kunjom xbubitha;

ii. Tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom l-esponenti ghandu jkun 'Spiteri' u mhux iktar 'Hamson'.

iii. Tordna lill-intimat jaghmel l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega f'kull att tal-istat civili tal-esponenti fejn din tkun necessarja fis-sens li kunjom l-esponenti m'ghandux jaqra iktar Hamson izda li ghandu jigi sostitwit b'kunjom xbubita u cioe Spiteri kull fejn ikun mehtieg.

iv. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mid-data ta' tali awtorizazzjoni, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-istess.

Salv kull provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti tqis xierqa u opportuni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti Vincenza Hampson titlob korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi Spiteri mhux il-kunjom illi legalment jappartjeni lilha. Tant hu hekk illi l-kawża odjerna inġiebet bil-għan illi l-attriċi tingħata l-fakoltà li tuża kunjom xbubitha, ossia Spiteri, minn din l-Onorabbli Qorti;

**2.** Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissottometti illi r-rikorrenti naqset milli tindika fuq liema artikoli legali qiegħda ssejjes il-proċedura odjerna, u għalhekk jirriżerva d-dritt illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

**3.** Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jifhem illi l-kawża mressqa mir-rikorrenti saret bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' att jew atti tal-istat ċivili, u għalhekk jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**4.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

**5.** Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 350 tas-sena 1994, jirriżulta illi Vincenza Gatt née Spiteri, armla ta' Joseph Gatt, iżżewġet lil Peter Hampson f'Malta fid-9 t'April tas-sena 1994, fejn bl-operazzjoni tal-liġi illi kienet *in vigore* dak iż-żmien, maż-żwieġ hija adottat kunjom żewġha Hampson;

**6.** Illi mill-istess Att taż-Żwieġ, li jinsab anness mar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti u mmarkat 'Dok. B', u b'mod specifiku mill-annotazzjoni ta' fuqu, jirriżulta illi Vincenza u Peter Hampson ottjenew sentenza ta' divorzju minn Walsall County Court fl-Ingilterra fl-1 t'Ottubru 1999, li ġiet reża eżekuttiva fis-17 ta' Novembru tas-sena 1999. L-annotazzjoni li tniżżlet mill-konvenut saret abbażi tas-sentenza ta' divorzju msemmija. Kif jirriżulta mill-istess sentenza, li tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok. C', ma hemm ebda indikazzjoni illi l-attriċi rrivertiet għal kunjom xbubitha u għaldaqstant, il-konvenut ma setax jagħmel tali bidla fil-konjom mingħajr awtorizzazzjoni;

**7.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali;

**8.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-

numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**9.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**10.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess li permezz tieghu wara l-korrezzjoni necessarja gew irtirati l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tad-Direttur intimat.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti li minnu jirrizulta li huwa minnu illi r-rikorrenti ilha mill-inqas ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena maghrufa fil-Gzejjer Maltin, sahansitra rikonoxxuta mill-awtoritajiet Maltin, bhala Vincenza bil-kunjom Spiteri u mhux Vincenza bil-kunjom Hamson.

Rat ukoll illi fl-atti saret id-debita publikazzjoni li tinsab esebita a fol. 32 tal-process.

Il-Qorti wara li gharblet il-provi u d-dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti u partikolarment id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit, tqis illi gie debitament ippuvat illi r-rikorrenti ilha maghrufa bil-kunjom Spiteri ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u ghalhekk it-talba taghha fit-termini tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tigi rikonoxxuta unikament bil-kunjom Spiteri u ebda kunjom iehor, hija gustifikata. Dan huwa wkoll gustifikat stante li huwa fl-ahjar interess tal-pubbliku in generali li r-rikorrenti tkun rikonoxxuta bil-kunjom li ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena ufficjalment dejjem uzat u kienet maghrufa bih cioe' dak ta' Vincenza Spiteri u mhux ta' Vincenza Hamson.

**Decizjoni:**

Fic-cirkostanzi l-Qorti se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

i. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

ii. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha terga' lura ghal kunjom Spiteri;

iii. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun 'Spiteri' u mhux iktar 'Hamson'.

iv. Tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-atti tal-istat civili tar-rikorrenti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u partikolarment ghac-certifikat taz-zwieg bin-numru 350 tas-sena 1994 esebit fl-atti a fol. 8 tal-process, fis-sens illi

ghandha tizdied mall-annotazzjoni tad-divorzju illi r-rikorrenti irrivertiet ghal kunjom Spiteri mad-divorzju.

v. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Novembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Novembru, 2021**